C/2025/105

10.1.2025

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Infasslu inizjattiva ewlenija Ewropea għas-saħħa

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(C/2025/105)

Relatur: **Alain COHEUR**

Konsulenta	Martini HAGIEFSTRATIOU (għar-relatur, Grupp III)
Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	15.2.2024
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura Opinjoni fuq inizjattiva proprja
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u ċ-Ċittadinanza
Adozzjoni fis-sezzjoni	3.10.2024
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	69/0/11
Adozzjoni fis-sessjoni plenarja	23.10.2024
Sessjoni plenarja Nru	591
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	202/0/6

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jappella għall-istabbiliment ta' inizjattiva ewlenija Ewropea għas-saħħa, pereżempju viżjoni politika li tħares 'il quddiem għall-mandat 2024-2029 u li tkun ibbażata fuq il-prinċipji ([1]) tal-universalità, il-kwalità, l-aċċessibbiltà, is-solidarjetà u l-inklużività. L-għan ta' din l-inizjattiva huwa li tiġi żviluppata arkitettura tas-saħħa trasversali fl-Unjoni Ewropea. Il-linji gwida politiċi għall-perjodu 2024-2029 għalhekk għandhom jagħtu post ewlieni lid-dritt universali għas-saħħa bħala l-"għażla tal-Ewropa" permezz tal-progress Ewropew u l-appoġġ tal-UE lill-Istati Membri. Il-KESE jappella għall-impenn ta' dawk kollha li jieħdu d-deċiżjonijiet u r-rappreżentanti Ewropej kollha biex jaħdmu favur politiki tas-saħħa integrati u t-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-saħħa.

1.2. Il-KESE jistabbilixxi l-pilastri strateġiċi ta' dan il-pjan direzzjonali għal solidarjetà u kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tas-saħħa, inklużi l-miżuri li ġejjin:

— l-istabbiliment ta' Garanzija Ewropea għall-Kura u s-Saħħa bħala segwitu għall-Istrateġija Ewropea għall-Kura ([2]), permezz ta' rakkomandazzjoni li tistabbilixxi objettivi tas-saħħa pluriennali (li jlaqqgħu flimkien il-ħtiġijiet u l-baġits) fil-livell tal-UE u l-possibbiltà li ssir test legali vinkolanti, pereżempju Direttiva;

— l-implimentazzjoni tal-approċċ integrat "Saħħa Waħda", li jlaqqa' flimkien il-politiki tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali, tal-pjanti u tal-ambjent billi jikkunsidra s-"Saħħa fil-Politiki Kollha", il-kooperazzjoni interdixxiplinari, is-sorveljanza kkoordinata, il-kondiviżjoni tad-data bejn is-setturi u l-prevenzjoni msaħħa – b'mod partikolari, fil-ġlieda kontra l-mard żoonotiku, ir-reżistenza għall-antimikrobiċi, is-sigurtà tal-ikel u l-preżervazzjoni tal-ekosistema – sabiex jiġu ġestiti b'mod effettiv ir-riskji kondiviżi għas-saħħa;

([1]) ĠU C 146, 22.6.2006, p. 1 [mhux disponibbli bil-Malti].

([2]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar 'L-Istrateġija Ewropea għall-Kura'" (COM (2022) 440 final) (ĠU C 140, 21.4.2023, p. 39).

— l-isfruttar tal-potenzjal tad-diġitalizzazzjoni u l-intelliġenza artifiċjali (IA) biex jiġu modernizzati s-sistemi tas-saħħa, billi jiġu stabbiliti linji gwida għaċ-ċibersigurtà u l-inklużività permezz tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet diġitali fil-qasam tas-saħħa taċ-ċittadini u tal-professjonisti fil-qasam tas-saħħa;

— iż-żamma ta' strumenti finanzjarji Ewropej għall-appoġġ ta' inizjattivi u l-finanzjament nazzjonali tas-saħħa;

— il-prijorità mogħtija lill-investimenti soċjali u tas-saħħa, meta wieħed iqis li dawn għandhom effetti pożittivi fuq it-tkabbir ekonomiku, il-produttività u l-kompetittività ([3]);

— il-promozzjoni ta' tabella ta' valutazzjoni integrata tar-riformi soċjoekonomiċi, tas-saħħa u ambjentali bil-ħsieb ta' strateġija li tmur lil hinn mit-tkabbir u li tiffoka mill-ġdid l-objettivi tal-UE fuq il-benesseri u l-kwalità tal-ħajja. Jeħtieġ li jiġu żviluppati indikatur tal-investiment fid-dimensjoni promozzjonali u preventiva tas-saħħa fil-livell Ewropew, kif ukoll valutazzjoni tal-impatt fuq is-saħħa biex jgħinu fit-tisħiħ tal-politiki tas-saħħa;

— l-iżvilupp ta' pjan ta' investiment immirat biex jissaħħu l-kapaċitajiet u jiġu promossi l-professjonijiet tal-kura u l-forza tax-xogħol fil-qasam tal-kura tas-saħħa permezz ta' approċċ triplu li jinvolvi l-ippjanar, it-taħriġ (inkluż għal prattiki avvanzati) u l-ġestjoni;

— l-implimentazzjoni ta' kollaborazzjonijiet bejn l-UE u d-WHO Ewropa biex jinżamm, u jiġi attirat u akkumpanjat il-persunal tal-kura tas-saħħa, inklużi l-infermiera li l-għadd tagħhom kulma jmur dejjem qed jonqos;

— it-titjib tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikolari permezz tal-mediċina okkupazzjonali u l-iskrinjar fuq il-post tax-xogħol;

— l-istabbiliment ta' pjan ta' azzjoni tal-UE dwar il-mard rari u pjani nazzjonali dwar il-mard rari, biex jissaħħaħ ir-rispons koordinat tal-UE u tal-Istati Membri ([4]).

1.3. Il-KESE jappella għall-integrazzjoni tad-diplomazija dwar is-saħħa bħala strument ta' setgħa ta' persważjoni ([5]) fil-politiki esterni tal-UE. Jeħtieġ li jiġu żviluppati inizjattivi biex jintwera l-impenn tal-UE għas-saħħa globali, li jippożizzjonawha bħala pijunier fil-governanza tas-saħħa u bħala promotur tas-solidarjetà internazzjonali tas-saħħa.

1.4. Il-KESE josserva li l-indirizzar tad-disparitajiet sinifikanti u persistenti fis-saħħa fl-UE u l-Istati Membri tagħha huwa meqjus bħala waħda mill-isfidi ewlenin tas-saħħa pubblika. Il-KESE jtenni l-appell tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa li jiġu sfruttati l-kompetenzi attwali kollha previsti fit-Trattati, waqt li fl-istess ħin jitkompla t-tisħiħ tal-leġiżlazzjoni

1.5. Il-KESE jappella għal involviment aktar istituzzjonalizzat tas-soċjetà ċivili fid-definizzjoni, l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tal-prijoritajiet tas-saħħa ([6]). Id-djalogu soċjali għadu l-mekkaniżmu formali u privileġġjat għall-involviment tal-imsieħba soċjali fil-politiki tas-saħħa.

2. **Il-ksib tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa**

2.1. L-UE qed tiffaċċja diversi kriżijiet li jeħtieġu solidarjetà aktar b'saħħitha bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej, permezz ta' pakkett tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa.

2.2. L-objettiv tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa ma jistax ikun limitat għall-ġlieda kontra l-pandemiji, iżda jrid ikun ukoll il-ksib ta' saħħa tajba, inklużi l-iżgurar ta' kwalità universali u l-aċċessibbiltà tas-servizzi tas-saħħa, l-iżvilupp ta' politiki u miżuri ta' promozzjoni u prevenzjoni, kemm primarji, sekondarji kif ukoll terzjarji, u l-inkorporazzjoni ta' determinanti mhux mediċi.

([3]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew — It-tisħiħ ta' tkabbir inklużiv fit-tul permezz ta' riformi u investiment (Opinjoni esploratorja – Presidenza Belġjana) (ĠU C, C/2024/3378, 31.5.2024, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2024/3378/oj).

([4]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Niżguraw solidarjetà Ewropea b'saħħitha għall-pazjenti b'mard rari" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 75, 28.2.2023, p. 67).

([5]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Strateġija tal-UE għas-Saħħa Globali — Saħħa Aħjar għal Kulħadd f'Dinja li qed Tinbidel" (COM(2022) 675 final) (ĠU C, C/2023/883, 8.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2023/883/oj).

([6]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "It-tisħiħ tad-djalogu ċivili u d-demokrazija parteċipattiva fl-UE: it-triq 'il quddiem" (opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Belġjana) (ĠU C, C/2024/2481, 23.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/2481/oj).

2.3. Il-KESE jappella għat-tkomplija ta' aġenda ambizzjuża, li tappoġġja inizjattiva ewlenija tas-saħħa bħala parti mill-Aġenda Strateġika tal-UE 2024-2029 ([7]), il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Futur tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa ([8]) u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar "L-Unjoni Ewropea tas-Saħħa" ([9]), b'komplementarjetà u sinerġija mal-linji gwida tal-Patt Ekoloġiku, il-Patt Blu u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs).

2.4. Għalkemm l-UE żviluppat oqfsa legali u inizjattivi biex tipproteġi s-saħħa taċ-ċittadini u tikkontribwixxi għat-titjib tagħha, ħafna ambizzjonijiet ma ntlaħqux minħabba nuqqas ta' ħiliet. L-Unjoni Ewropea tas-Saħħa żviluppat prinċipalment b'appoġġ għall-aspetti ewlenin tal-integrazzjoni Ewropea, jiġifieri s-suq intern u l-munita unika, mingħajr ma qieset biżżejjed id-dimensjoni tas-saħħa li għaliha l-UE għandha kompetenza ta' appoġġ.

2.5. Biex jiġu indirizzati l-pilastri differenti tas-suq intern, ġew stabbiliti leġiżlazzjonijiet speċifiċi biex jinħoloq qafas favorevoli għall-moviment liberu ta' oġġetti u servizzi li għandhom impatt fuq is-saħħa (apparat mediku, prodotti farmaċewtiċi), kif ukoll fuq in-nies (rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki).

2.6. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) kienet attur ewlieni li influwenzat l-aċċess għall-kura tas-saħħa transkonfinali bis-saħħa tan-natura deċiżiva tas-sentenzi bbażati fuq il-prinċipji fundamentali tal-moviment liberu tal-persuni u d-dritt għall-protezzjoni soċjali u għas-saħħa.

2.7. Il-KESE jirrakkomanda approċċ komprensiv u integrat biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-saħħa tal-UE u jiġi żgurat aċċess ugwali għall-kura tas-saħħa fis-suq uniku kollu, f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fir-rapport ta' Enrico Letta ([10]).

2.8. Il-KESE jenfasizza li s-saħħa hija ben pubbliku fundamentali li jitlob l-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-aċċess universali, f'konformità mad-definizzjoni olistika tas-saħħa pprovduta mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO). Biex jinkiseb dan, kull Stat Membru għandu d-dritt li jorganizza s-servizzi tas-saħħa tiegħu u li jagħżel il-forma ġuridika li tirrifletti bl-aħjar mod id-diversità tat-tipi ta' negozju li, fil-qasam tas-saħħa, jinkludu l-ekonomija soċjali u d-diversi komponenti tagħha bħall-impriżi mutwi u l-kooperattivi, u dan mentri jiġi rispettat l-interess ġenerali. Id-dinamika Ewropea għandha tappoġġja lill-Istati Membri fit-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa tagħhom.

2.9. Il-KESE jinnota li l-mekkaniżmi eżistenti biex jingħelbu l-isfidi tas-saħħa għadhom frammentati u li l-objettivi mhumiex integrati b'mod trasversali fil-politiki kollha tal-UE. Huwa jistieden lill-istituzzjonijiet Ewropej jagħmlu l-inizjattiva ewlenija u l-pjan direzzjonali ta' implimentazzjoni prijorità strateġika fiha nnifisha, f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-Patt Ekoloġiku, il-Patt Blu, il-governanza ekonomika, id-Deċennju Diġitali, l-Istrateġija Industrijali u tal-Kompetittività u l-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea.

3. **Il-mudell u l-komponenti tal-inizjattiva ewlenija**

3.1. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jerġgħu jirriflettu dwar l-implimentazzjoni tal-proposta għal Garanzija Ewropea tas-Saħħa u l-Kura, f'konformità mal-Istrateġija Ewropea għall-Kura u billi jispiraw ruħhom mill-garanziji eżistenti bħall-Garanzija għaż-Żgħażagħ u l-Garanzija għat-Tfal. L-għan huwa li jiġi ggarantit id-dritt universali għas-saħħa, billi tiġi żgurata kura tas-saħħa ġusta u ta' kwalità għolja għaċ-ċittadini Ewropej kollha.

([7]) https://www.consilium.europa.eu/mt/european-council/strategic-agenda-2024-2029/.
([8]) https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2024/06/21/european-health-union-council-calls-on-commission-to-keep-health-as-a-priority/.
([9]) COM(2024) 206 final.
([10]) https://www.consilium.europa.eu/media/ny3j24sm/much-more-than-a-market-report-by-enrico-letta.pdf.

3.2. Bħala parti minn din l-inizjattiva ewlenija, il-KESE jappella għal approċċ komuni fil-livell tal-UE bbażat fuq il-pilastri li ġejjin:

— il-promozzjoni tat-tixrid u l-implimentazzjoni operazzjonali ulterjuri tal-approċċ integrat "Saħħa Waħda" permezz ta' koordinazzjoni akbar tal-politiki tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali, tal-pjanti u tal-ambjent;

— il-prijorità għad-diġitalizzazzjoni tas-saħħa, li hija essenzjali għall-modernizzazzjoni tas-sistemi tas-saħħa, u fl-istess ħin l-iżgurar tal-aħjar protezzjoni tad-data;

— il-promozzjoni tas-sovranità tas-saħħa Ewropea u ta' investiment fir-riċerka;

— l-awtonomija u l-produzzjoni industrijali strateġiċi fil-qasam tas-saħħa;

— it-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-saħħa billi jittejbu l-aċċess u l-kwalità tal-kura, b'enfasi fuq mard rari u mard ieħor mhux dijanjostikat biżżejjed;

— il-ħolqien ta' rabta bejn is-saħħa, l-aspetti soċjali u s-suq uniku għal integrazzjoni aħjar tal-politiki tas-saħħa, soċjali u ekonomiċi permezz tar-reviżjoni tad-dispożizzjonijiet Ewropej.

3.3. Il-KESE josserva li l-finanzjament għall-pilastri ta' din l-inizjattiva ewlenija jrid ikollu baġit Ewropew sostanzjali li jikkomplementa l-baġits nazzjonali tas-saħħa. Il-KESE jtenni l-ħtieġa li jiġi rispettat il-prinċipju tas-solidarjetà, u jqis li, minbarra l-finanzjament pubbliku, jenħtieġ li jintużaw forom innovattivi ta' finanzjament.

3.4. Il-KESE jitlob li l-prinċipju tal-aċċess universali jiġi implimentat f'konformità mal-interess ġenerali, u billi jiġi kkunsidrat il-progress li sar fil-perjodu 2019-2024, u billi jsir iżjed lil hin minnu, bis-saħħa ta' ppjanar strutturat. Jeħtieġ li l-UE tkompli tħejji għal kriżijiet tas-saħħa futuri, kif ukoll tinvesti f'inizjattivi strateġiċi biex ittejjeb is-saħħa, tipproteġi linnies u ssaħħaħ is-sistemi tas-saħħa.

4. **Kummenti ġenerali – Implimentazzjoni tal-approċċ "Saħħa Waħda"**

4.1. Strateġija tas-saħħa fit-tul ibbażata fuq l-approċċ "Saħħa Waħda" hija kruċjali biex tiżdied ir-reżiljenza tal-bnedmin, tal-annimali, tal-pjanti u tal-ekosistemi, u biex ikun hemm rispons għall-interdipendenzi bejn il-pajjiżi. Biex din tinkiseb, hemm bżonn ta' sensibilizzazzjoni kollettiva u bidla fl-attitudnijiet u fl-imġiba fil-livell lokali, reġjonali u globali. Għad fadal ħafna xi jsir biex jitnaqqsu s-silos fit-tfassil tal-politika u bejn il-politiki stess.

4.2. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-ħidma mwettqa mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-approċċ "Saħħa Waħda" bil-għan li jiġi applikat b'mod effettiv u konkret.

4.3. Il-KESE jappoġġja r-rakkomandazzjonijiet tal-konferenza li saret fil-Lussemburgu fl-2023 dwar l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' dan l-approċċ permezz ta':

— kooperazzjoni iżjed mill-qrib bejn l-atturi kollha (xjentifiċi, politiċi, akkademiċi, amministrattivi);

— koordinazzjoni mtejba bejn l-aġenziji Ewropej u d-diversi Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari billi tiġi stabbilita t-task force "Saħħa Waħda" bejn l-aġenziji u jiġi ristrutturat id-DĠ SANTE billi jinħoloq direttorat iddedikat għall-approċċ "Saħħa Waħda" b'kamp ta' applikazzjoni trasversali (li jmur lil hinn mis-silos);

— appoġġ għall-implimentazzjoni u l-operazzjonalizzazzjoni tal-approċċ fil-livell nazzjonali u reġjonali permezz ta' governanza f'diversi livelli.

4.4. Il-KESE jappoġġja l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Internazzjonali dwar il-Klima u s-Saħħa, iffirmata mill-UE fil-COP28.

4.5. Fid-dawl tal-kriżi globali tripla (it-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u t-tniġġis) u l-impatti negattivi tagħha fuq is-saħħa, il-KESE jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex iżidu l-isforzi biex jikkunsidraw mill-ġdid ir-relazzjoni tagħna man-natura, jirrestawrawha, itemmu t-tniġġis, jimmitigaw u jadattaw għat-tibdil fil-klima sabiex jipproteġu s-saħħa taċ-ċittadini tagħhom. Iż-żieda fit-temperaturi, l-avvenimenti klimatiċi estremi u t-tniġġis mhux biss ikollhom impatt dirett fuq ħajjet in-nies, iżda jinfluwenzaw ukoll il-prevalenza ta' mard kroniku u li jittieħed.

4.6. Il-KESE jirrakkomanda li l-UE tiżviluppa politiki tas-saħħa pubblika aktar b'saħħithom li jintegraw bis-sħiħ l-impatti u r-riskji tal-kriżi globali tripla. Dan jinkludi l-espansjoni tar-riċerka u l-monitoraġġ tal-indikaturi tas-saħħa relatati mal-klima, l-ambjent u t-tniġġis, it-titjib tas-sistemi ta' twissija bikrija u r-rispons għall-emerġenzi, kif ukoll l-investiment f'infrastruttura tas-saħħa reżiljenti. Barra minn hekk, huwa essenzjali li jiġi adottat approċċ ġust għall-politika dwar il-klima u dwar l-ambjent, li jipproteġi lil dawk l-aktar vulnerabbli. Approċċ bħal dan se jirrikjedi koordinazzjoni bejn setturi u dixxiplini differenti, u se jkollu kobenefiċċji ewlenin f'oqsma bħall-produzzjoni tal-ikel, dieti tajbin għas-saħħa, protezzjoni ambjentali u saħħa mentali.

5. It-tisħiħ tal-objettiv tad-diġitalizzazzjoni tal-kura u tas-saħħa

5.1. L-adozzjoni tal-Att dwar l-IA u l-proposta dwar l-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa (EHDS) iridu jkomplu jkunu prijorità, speċjalment fir-rigward tas-saħħa. L-implimentazzjoni tal-EHDS tista' ttejjeb ir-riżultati għall-pazjenti u l-innovazzjoni fir-riċerka dwar is-saħħa, u hija wkoll fundamentali għal politiki mnebbħa mill-evidenza u bbażati fuq il-valuri.

5.2. Sabiex jiġi żgurat approċċ komprensiv u effettiv, huwa essenzjali li l-EHDS ikun kompatibbli ma' diversi regolamenti oħra, inklużi l-proposta għal Att dwar l-IA, ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) u l-miżuri previsti fir-Regolament dwar l-Apparati Mediċi għall-applikazzjonijiet ibbażati fuq l-IA.

5.3. F'nofs il-proċess ta' trasformazzjoni diġitali, is-settur tas-saħħa kien il-mira ta' bosta attakki ċibernetiċi, li jagħmel politika Ewropea taċ-ċibersigurtà orizzontali indispensabbli għall-protezzjoni tad-data personali tal-pazjenti u tal-professjonisti tas-saħħa. Għalkemm l-EHDS jinkludi għadd ta' dispożizzjonijiet dwar iċ-ċibersigurtà u jenfasizza l-ħtieġa għal ċibersigurtà b'saħħitha, il-KESE jenfasizza b'mod usa' l-ħtieġa li tiġi segwita strateġija komprensiva tal-UE dwar iċ-ċibersigurtà li tinkludi miżuri proattivi bħall-kriptaġġ, il-kontrolli tal-aċċess u s-segmentazzjoni tan-network, sabiex jiġu protetti s-saħħa taċ-ċittadini u d-dritt għas-saħħa.

5.4. L-iżviluppi diġitali fis-saħħa jridu jitqiesu bħala għodda għas-servizz tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini u t-tisħiħ tar-relazzjonijiet umani bejn il-pazjenti u l-professjonisti tal-kura tas-saħħa tagħhom, li se jkollhom aktar ħin x'jiddedikaw għall-kura.

5.5. Il-KESE jaqbel mat-tħassib tal-Uffiċċju Reġjonali tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa għall-Ewropa dwar id-distakk diġitali ([11]), u jtenni li kważi nofs iċ-ċittadini Ewropej ma għandhomx ħiliet diġitali ([12]). Huwa urġenti li jiżdiedu l-kompetenza diġitali u l-bini tal-kapaċitajiet diġitali għaċ-ċittadini u għall-professjonisti tas-saħħa biex l-EHDS ikun suċċess għal kulhadd.

5.6. Il-KESE jappella għal sforz konġunt fir-rigward tal-programmi ta' litteriżmu fis-saħħa billi jiffoka fuq l-iżvilupp tal-għarfien u l-ħiliet tas-saħħa taċ-ċittadini, b'mod li jkunu f'pożizzjoni li jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar saħħithom. Fl-istess ħin, dawn il-programmi għandhom jiżguraw l-aġġornament kontinwu tal-għarfien tal-forniture tal-kura tas-saħħa. Waħda mill-inizjattivi tista' tkun il-ħolqien ta' pjattaforma online għall-UE kollha, li tipprovdi riżorsi tal-edukazzjoni tas-saħħa aċċessibbli għaċ-ċittadini u għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa.

6. It-tisħiħ tas-sovranità u l-prosperità ekonomika Ewropej

6.1. Fid-dawl tar-rapporti strateġiċi dwar is-suq uniku Ewropew ([13]) u dwar il-kompetittività Ewropea, il-KESE jappella għal suq uniku Ewropew konsolidat fid-dimensjonijiet soċjali u tas-saħħa tiegħu biex tiġi żgurata distribuzzjoni ġusta tal-benefiċċji tiegħu fost iċ-ċittadini kollha tal-UE, jiġu appoġġjati l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali, jiġi promoss it-taħriġ u jittejbu l-kundizzjonijiet tal-forza tax-xogħol fil-qasam tal-kura tas-saħħa, u jiġi integrat aċċess sostenibbli u ekwu għas-saħħa għaċ-ċittadini kollha tal-UE, fiċ-ċirkostanzi kollha. Dan l-approċċ għandu l-għan li jipproteġi l-libertajiet individwali u jsaħħaħ ir-reżiljenza soċjali u s-solidarjetà, fid-dawl tar-realtajiet demografiċi u ekonomiċi li qed jinbidlu.

([11]) https://www.who.int/europe/en/news/item/05-09-2023-digital-health-divide--only-1-in-2-countries-in-europe-and-central-asia-have-policies-to-improve-digital-health-literacy--leaving-millions-behind.
([12]) https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_22_4560.
([13]) https://www.consilium.europa.eu/media/ny3j24sm/much-more-than-a-market-report-by-enrico-letta.pdf.

6.2. Il-KESE jappoġġja t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u r-remunerazzjoni tal-forza tax-xogħol fil-qasam tal-kura tas-saħħa sabiex il-ħtiġijiet tas-saħħa jiġu ssodisfati permezz ta' approċċ triplu li jinvolvi l-ippjanar, it-taħriġ (inkluż għal prattiki avvanzati) u l-ġestjoni, bil-għan li jintlaħaq l-objettiv tas-saħħa universali billi jiġu ggarantiti benefiċċji għaċ-ċittadini fl-Istati Membri kollha. Il-KESE jappella għall-implimentazzjoni ta' kollaborazzjonijiet bejn l-UE u d-WHO Ewropa biex jinżamm, jiġi attirat u akkumpanjat il-persunal tal-kura tas-saħħa, inklużi l-infermiera li l-għadd tagħhom kulma jmur dejjem qed jonqos.

6.3. Il-KESE jappella għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' finanzjament u investiment sostenibbli għas-sistemi tas-saħħa Ewropej, li jqis it-tagħlimiet misluta minn kriżijiet preċedenti, bħall-kriżi tad-dejn fil-Greċja, biex jiġi evitat li r-restrizzjonijiet baġitarji jikkompromettu l-kapaċità tal-istati li joffru servizzi tas-saħħa effettivi u inklużivi.

6.4. Il-KESE jappella għall-implimentazzjoni tal-qafas fiskali tal-UE bil-ħsieb ta' rkupru sostenibbli u tranżizzjonijiet ġusti, billi jiġu żgurati investimenti soċjali u tas-saħħa ġustifikati.

6.5. Sabiex nimxu lejn governanza soċjoekonomika ffukata fuq il-benesseri u s-saħħa, il-KESE jħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jirrevedu r-regoli fiskali permezz tal-aspetti li ġejjin:

— l-applikazzjoni ta' tabella ta' valutazzjoni integrata b'indikaturi tal-prestazzjoni ekonomika, soċjali u ambjentali;

— l-adozzjoni ta' strateġija lil hinn mit-tkabbir li ttejjeb il-kwalità tal-ħajja;

— l-iżvilupp u l-introduzzjoni vinkolanti ta' indikatur tal-benesseri Ewropew, appoġġjat minn standard ta' tkabbir fis-saħħa marbut mal-objettivi tas-saħħa li jkejjel il-progress fil-promozzjoni tas-saħħa, il-prevenzjoni tal-mard, l-għoti ta' kura u l-appoġġ integrat għas-saħħa;

— l-iżvilupp tal-kura tas-saħħa preventiva u l-promozzjoni ta' stili ta' ħajja u ambjenti tajbin għas-saħħa;

— il-promozzjoni tas-saħħa u l-benesseri mentali;

— il-prevenzjoni ta' mard kroniku u infettiv, kif ukoll il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol;

— l-istabbiliment ta' valutazzjonijiet tal-impatt distributtivi għall-politiki l-ġodda kollha tal-UE biex tiġi żgurata l-koerenza mas-saħħa;

— l-iżvilupp ta' pjan għal investiment immirat bil-għan li jissaħħu s-sistemi tas-saħħa, b'enfasi fuq il-kapaċitajiet u t-titjib tal-forza tax-xogħol fil-qasam tal-kura tas-saħħa, u li jinħolqu kollegamenti bejn in-networks ta' ċentri ta' speċjalizzazzjoni tas-saħħa;

— l-istabbiliment ta' mekkaniżmu formali u kontinwu għall-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għal kollaborazzjoni strutturata u regolari fid-definizzjoni tal-prijoritajiet tas-Semestru Ewropew.

7. **Il-ġlieda kontra l-inugwaljanzi tas-saħħa b'diversi fatturi**

7.1. Fid-dawl tal-isfidi li qed jiffaċċjaw is-sistemi tas-saħħa tagħna, it-tnaqqis tal-inugwaljanzi fl-aċċess għall-kura jeħtieġ strateġija Ewropea bbażata fuq l-inklużjoni u s-solidarjetà.

7.2. Minbarra l-ġenetika u l-għażliet tal-ħajja individwali tagħna, is-saħħa hija ddeterminata minn firxa wiesgħa ta' fatturi personali, soċjali, ekonomiċi u ambjentali. Jeħtieġ li jiżdiedu u jiġu diversifikati l-inizjattivi Ewropej, bħall-inizjattiva tal-UE "Healthier Together" ([14]) dwar il-mard mhux komunikabbli.

7.3. Peress li l-mekkaniżmi tal-assigurazzjoni tas-saħħa jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor, ċerti Stati Membri, minbarra l-kopertura tas-saħħa obbligatorja, għandhom mekkaniżmi ta' rimborż komplementari li jinvolvu varjetà ta' atturi ekonomiċi u mhux ekonomiċi. Il-KESE jirrimarka li dawn l-iskemi kollha jridu jikkontribwixxu għall-objettiv li jiġi żgurat li s-saħħa tkun kemm jista' jkun affordabbli għaċ-ċittadini kollha.

7.4. Il-KESE jissuġġerixxi li jiġu stabbiliti skemi ta' inċentivi biex il-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa jitħeġġu jaħdmu fiż-żoni li mhumiex moqdijin tajjeb, inklużi dežerti mediċi fil-gżejjer u fiż-żoni rurali.

([14]) https://health.ec.europa.eu/non-communicable-diseases/healthier-together-eu-non-communicable-diseases-initiative_en?prefLang=en.

7.5. Il-KESE jinnota li t-titjib tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol huwa element essenzjali tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li l-UE għandha tippromovi flimkien mal-Istati Membri, b'mod partikolari permezz tal-mediċina okkupazzjonali u l-iskrinjar fuq il-post tax-xogħol. Il-KESE jinsisti fuq l-aġġornament regolari tad-Direttiva dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol ([15]).

7.6. Sabiex tittejjeb il-prevenzjoni tal-mard mhux komunikabbli, jeħtieġ li jiġu kkunsidrati b'mod strutturat l-aspetti tas-saħħa fil-politiki settorjali:

— fuq perjodu ta' żmien qasir: it-tisħiħ u l-koordinazzjoni ta' azzjonijiet bejn l-Istati Membri li jtejbu l-infurzar ta' miżuri sanitarji preventivi;

— fuq perjodu ta' żmien medju: il-ġbir, il-promozzjoni u t-tixrid ta' prattiki tajba ta' prevenzjoni, sabiex tiżdied l-effettività tal-azzjonijiet u l-Istati Membri jkunu jistgħu jimmiraw il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom;

— fuq perjodu ta' żmien twil: iż-żamma ta' investiment kontinwu u impenn politiku qawwi biex jiġu żgurati l-integrazzjoni u l-implimentazzjoni sostenibbli tal-politiki ta' prevenzjoni tas-saħħa fil-livelli kollha ta' governanza.

7.7. Il-KESE jitlob li l-UE tkun pijunier fl-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) dwar ix-xogħol deċenti u l-ekonomija tal-kura fid-dawl tal-aċċellerazzjoni tat-tixjiħ, li taggrava d-diskrepanza bejn id-domanda u l-provvista tas-servizzi tal-kura u l-lakuni fl-aċċess għall-kura, minkejja li jinħtieġu aktar minn qatt qabel servizzi ta' kwalità tajba.

7.8. It-tisħiħ tal-24 network ta' referenza Ewropew għall-mard rari u l-espansjoni tal-azzjoni konġunta JARDIN jenfasizzaw il-ħtieġa li dawn in-networks jiġu integrati fis-sistemi tas-saħħa nazzjonali u tiġi żgurata s-sostenibbiltà futura tagħhom. Dan irid iseħħ b'mod ikkoordinat u permezz ta' pjani nazzjonali dwar il-mard rari fl-Istati Membri kollha. Sħubija Ewropea għall-mard rari b'mezzi finanzjarji sostenibbli hija pedament għat-titjib tal-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-pazjenti li jgħixu b'mard rari u l-qraba tagħhom permezz tal-iżvilupp ta' qafas ta' referenza orizzontali ta' politiki u prattiki, il-ġbir flimkien tal-għarfien espert, l-identifikazzjoni ta' ċentri ta' speċjalizzazzjoni interkonnessi, il-koordinazzjoni bejn il-pjani nazzjonali u l-miri li għandhom jintlaħqu, kif ukoll id-dinamika tal-innovazzjoni tal-mudelli tal-kura. Għal dan l-għan, huwa essenzjali li jiġu promossi trattamenti promettenti bħall-isotopi radjuattivi u l-inklużjoni tagħhom fis-sistemi tas-saħħa tal-Istati Membri.

8. **Il-futur tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa**

8.1. Il-KESE jappella għal leġiżlatura għall-perjodu 2024-2029 li tiżgura ħajja aħjar u drittijiet soċjali fl-Ewropa permezz ta' impenn Ewropew akbar fil-qasam tas-saħħa. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa għal tranżizzjonijiet interdipendenti: ġustizzja soċjali, kompetittività multidimensjonali, sostenibbiltà ekonomika, inklużjoni diġitali, sostenibbiltà ekoloġika, ekwità ġeografika, integrazzjoni demokratika u solidarjetà internazzjonali, u r-reżiljenza bħala gwida għall-azzjonijiet wara l-pandemija.

8.2. F'konformità mal-Unjoni tas-Saħħa, l-istituzzjonijiet Ewropej iridu jżidu l-appoġġ għall-Istati Membri u jimplimentaw il-miżuri kollha stabbiliti fir-rapport u d-dikjarazzjoni interistituzzjonali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa ([16]), li fiha l-KESE pparteċipa b'mod attiv. Il-KESE jisħaq fuq il-ħtieġa li:

— jissaħħaħ ir-rwol tal-Unjoni Ewropea tas-Saħħa u l-bażijiet legali tagħha sabiex jitnaqqsu d-disparitajiet fil-qasam tas-saħħa fl-UE;

— jissaħħu l-viżibbiltà u l-effettività tal-inizjattivi tas-saħħa tal-UE;

— tiġi żgurata koerenza politika aħjar għad-dritt għas-saħħa u tingħata attenzjoni lis-sussidjarjetà.

([15]) ĠU L 88, 16.3.2022, p. 1.
([16]) https://www.consilium.europa.eu/mt/policies/conference-on-the-future-of-europe/.

8.3. Il-KESE jirrakkomanda li l-UE u l-Istati Membri jaqdu rwol ewlieni fis-saħħa globali billi jimplimentaw azzjonijiet konkreti biex jippromovu l-progress lejn kopertura tas-saħħa universali. Il-KESE jappella għal kooperazzjoni multilaterali effettiva fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti. L-estensjoni tas-sħubijiet bilaterali, reġjonali u globali hija kruċjali. Il-KESE jenfasizza wkoll fuq il-ħtieġa li jissaħħaħ b'mod kollettiv il-finanzjament globali tas-saħħa, tiġi appoġġjata l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi fil-pajjiżi msieħba u tiġi żviluppata diplomazija globali koerenti dwar is-saħħa. Biex dawn l-inizjattivi jirnexxu, jeħtieġ li jiżdiedu l-kapaċitajiet tas-saħħa fid-delegazzjonijiet tal-UE u jiġu vvalutati b'mod regolari l-progress u l-impatt tal-Istrateġija tal-UE għas-Saħħa Globali ([17]).

Brussell, it-23 ta' Ottubru 2024.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Oliver RÖPKE

([17]) https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2024/01/29/eu-global-health-strategy-council-approves-conclusions/.